MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 171/2007

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C D, l-Avukat Dottor Richard Sladden**
**u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E D,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta C D, u minn dan ir-relazzjoni fl-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u

wiehed (2001), (certifikat ta’ twelid No. 2130 hawn anness – Dok. A), twieldet tarbija E D.

Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri E D jirrizulta illi fil-kolonna tal-“Isem u Kunjom Missier it-Tarbija” gew registrati l-kelmiet: “unknown father” ossia “missier mhux maghruf” u dan skont ic-certifikat tat-twelid hawn anness. (Dok. A).

Illi l-konvenuta C D, effettivament abbandunat lit-tifla, E D, u bhal issa dina qed tghix man-nanniet materni taghha, cioe Jane u John mizzewgin D, pero’ l-attur imur jaraha regolarment.

Illi r-rikorrent jixtieq illi jigi registrat bhala l-missier naturali tal-minuri E D.

Illi omm il-minuri E D, giet notifikata b’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) mir-rikorrent, fejn huwa ddikjara illi huwa kien bi hsiebu japplika biex jigi registrat bhala l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri, u dan skont l-Art 86 ta’ Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda hija baqghet inadempjenti ghal iktar minn xaharejn.

Illi r-rikorrent ghandu relazzjoni tajba hafna ma’ bintu E D, u jemmen illi hija ghandha tigi fdata fil-kura u kustodja tieghu, peress illi huwa l-missier naturali u li hija, kif intqal, giet abbandunata minn ommha C D.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-attrici huwa l-attur A B.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid No. 2130 tal-minuri E D huwa jikkancella l-kliem “unknown father” mill-kolonna tal-“Isem u Kunjom missier it-tarbija” u jissostitwixxihom bil-kliem “A B” u jirregistra wkoll fl-istess Att l-konnotati tal-imsemmi A B fis-sens illi fil-kolonna intestata “Professjoni, sengha jew stat iehor” tinkiteb il-kelma: “machine operator”; fil-kolonna intestata “Eta” jitnizzel “35”; fil-kolonna intestata “Fejn

Twieldu u Joqghodu” jitnizzlu l-kliem “Pieta” u “Birgu”; u fil-kolonna “Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” jitnizzlu l-kliem: “Carmelo B, mejjet” rispettivament;

3. Tiehu dawk il-passi necessarji, fosthom li taffida fil-kura u kustodja ta’ l-attur, il-minuri E D, u dan peress illi hija giet abbandunata minn ommha C D.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa nguntha ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta C D, debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tieni talba ir-rikorrent ghandu jispecifika wkoll d-dettal tan-numru tal-karta ta’ l-identita’ tieghu sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista’ jigi inserit fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Marzu 2009 li permezz taghha l-attur A B gie dikjarat bhala l-missier naturali tal-minuri E D li twieldet fl-1 ta’ Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi dan il-gudizzju jikkoncerna, u huwa limitat ghat-tielet talba li permezz taghha l-attur qed jitlob li din il-Qorti takkordalu l-kura u kustodja tal-minuri E li twieldet fid-data fuq indikata.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi mismugha jirrizulta li t-tifla, li llum ghandha circa disa’ snin, tghix mal-missier li, bl-ghajnuna tan-nanna materna, ilu jrabbi lit-tifla ghal hafna zmien.

Peress li l-attur u dawn in-nanniet joqghod vicin xulxin, it-tifla tqatta’ hafna hin ukoll man-nanniet, u huwa f’ dawn l-okkazzjonijiet li l-konvenuta C D okkazzjonalment tara lil-bintha.

Jirrizulta wkoll li huwa l-attur wahdu li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri, kemm dawk relattivi ghas-sahha taghha, kif ukoll dawk relatati ma’ l-edukazzjoni taghha; filwaqt li l-omm ma tippartecipax fil-hajja tal-minuri, hlief li okkazzjonalment taraha ghand in-nanniet.

Illi l-provi akkwiziti juru bic-car li l-interessi tat-tifla jiddettaw li dina tibqa’ tghix ma’ l-attur, missierha, u li dan ikollu l-kura u kustodja esklussiva taghha, bi dritt ta’

access favur il-konvenuta C D, darba fil-gimgha, ghal saghtejn, meta l-minuri tkun ghand in-nanniet materna.

Dan premess u kkunsidrat it-tielet talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

Illi, rigward il-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti tikkonsidera xieraq li dawn ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta C D, tenut kont ukoll tal-fatt li dina naqset milli tidher ghas-seduti tal-medjazzjoni, kif jirrizulta minn nota tal-medjatrici prezentata fis-7 ta' April 2010.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-tielet talba attrici, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E D esklussivament f' idejn l-attur; bi dritt ta' access favur il-konvenuta C D, darba fil-gimgha, ghal saghtejn, meta l-minuri tkun ghand in-nanna materna.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------